## Mużew ta' l-Arkeoloġija · 29 April — 15 Mejju

# Artisti Taljani

minn
E.V. BORG

Forsi fil-ħajja materjalista u konsumista moderna naħsbu li l-bniedem ma jonqsu xejn. Forsi naħsbu li bl-invenzjonijiet xjentifiċi, inklużi l-enġinerija ġenetika u l-fiżika molekulari, il-bniedem sar superuman u jista' jiddomina l-ambjent u n-natura b'arroganza tali li jista' jibdel l-istaġuni jekk irid. Iżda sfortunatament, minflok ma jonqsu xejn, isib li jonqsu kollox. Iħoss vojt tremend, vojt li jtarrax u jwaħħax ir-ruħ.

Iħossu aljenat, emarġinat, mhux aċċettat, minsi u mwarrab, u jwerżaq b'dan l-uġigħ eżistenzjali, uġigħ atroċi, laċeranti. Tant jixtieq ikun aċċettat u maħbub u din n-nuqqas ta' mħabba tħalli fih vojt jew baħħ infinit. F'din l-assurdità paradossali jipprova jimla dan il-vojt bil-mibegħda, bl-għira, bil-possessjoni, bl-intolleranza u hekk ikattar l-uġigħ f'ċiklu vizzzjuż.

Dwar dan il-vojt jikkumment b'ħila kbira Enzo Carnebianca (imw. 1948). It-terrur hu attwali iżda fix-xogħol ta' Carnebianca hu mitigat fil-perfezzjoni tal-forma li hi sublimazzjoni ta' dan il-vojt.

Il-paradossa tinħass fil-bniedem serp li bħal garigor jogħla 'l fuq biex jilħaq l-ideal għax jobgħod jitkaxkar ma' l-art. Il-bniedem jiżvojta u jsir biss xkora jew qoxra bil-buttuni, tiżfen fix-xejn. Mill-bajda tal-ħajja joħroġ is-serp u l-forma femminili f'pożizzjoni fetali tinħass rieqda r-raqda tal-mewt.

Kemm ħruxija u kefrija jikseb Carnebianca fl-espressjoni tiegħu sottili lirika, surreali. Jista' jkun li l-artist jara relazzjoni perfetta bejn moħħ il-bniedem u dan l-uġigħ psikiku mal-mukulatura u n-nervatura fiżika.

F'Distacco Dalla Materja (fondut fil-bronż) dan l-uġigħ psikiku, riżultat tal-vojt, joħloq tensjoni u turment fin-nervatura fil-proċess li l-materja tassorbi l-uġigħ u tilliberah u testernalizzah f'enerġija jew spirtu.

Salvatore Marchese (imw. 1947) iħares lejn il-ħajja, lejn il-bniedem b'mod ċiniku, kritiku, ironiku u x'aktarx li l-espressjoni tiegħu hi kumment soċjali f'sens ta' karikatura u esaġerazzjoni biex jimmina l-*istatus quo* billi jiffoka l-lenti fuq l-iżball u jfejjaq il-pjagi soċjali.

Forsi jipprova jikseb il-qawwa ironika umoriża ta' Mino Maccari (ara l-artiklu ta' l-awtur, 'Il-Ħajja', 09.07.87). Bissnaħseb li għalkemm l-espressjoni tiegħu hi interpretazzjoni personali għad jonqsu biex jirrealizza l-'finesse' intellettwali tal-'maestro' matur bl-esperjenza tal-ħajja.



Luna Rossa, nru. 17, pittura bl-akwarell ta' Salvatore Marchese.